MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 704/2006

**Paul u Carmen SCERRI**

vs

**John u Carmela DEBONO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-1 ta' Awissu, 2006, bil-proċedura sommarja speċjali li bih ir-rikorrenti, wara li ippremettew;

Illi permezz ta' skrittura privata li ġġib id-data tal-22 ta' Frar, 2006, l-intimati ikkostitwew ruħhom bħala veri ċerti u likwidi debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' Lm80,000 li huma ippromettew li jħallsuha lura kwantu għall-Lm15,000 fil-15 ta' April, 2006, kwantu għall-Lm15,000 oħra fit-30 ta' Ġunju, 2006 u il-bilanċ fil-31 ta' Diċembru, 2006;

Illi l-partijiet, fl-istess ftehim, ftehmu ukoll li fl-eventwalita' li l-intimati jonqsu milli iħallsu xi rata waħda biss, huma kienu jitilfu il-benefiċċju tat-terminu lilhom konċess u inoltre' kien jkun ukoll pagabbli l-imgħax mid-data tal-iskrittura msemmija;

Illi fil-fatt l-intimati huma morusi fil-pagamenti kollha għax ma ħallsux ċenteżmu mill-ammont dovut u għalhekk inoltre beda ukoll jiddekorri l-imgħax mill-22 ta' Frar, 2006 li sal-22 ta' Lulju 2006 jammonta għall-Lm2,666.66;

Illi jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din il-Qorti ma għandhiex;

1. Taqta' u tiddeċiedi il-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċioe' bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u;

2. Tikkundannahom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' Lm82,666.66, kwantu għall-Lm80,000 sorte u kwantu għall-Lm2,666.66 imgħax kalkolabbili bejn it-22 ta' Frar 2006 sat-22 ta' Lulju 2006 ir-rata miftehma ta' 8% p.a – kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-imgħax legali addizzjonali kalkolabbli mit-23 ta' Lulju 2006 sal-ġurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru u ta' inibizzjoni presentati kontestwalment mal-presenti kontra l-intimati li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati waqt is-smigħ tal-kawża, li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors, u bil-kwalifiki relattivi dwar l-ispejjeż tal-kawża;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

legali ulterjuri b'effett mit-23 ta' Lulju, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-intimat John Debono.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------